MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Avviz Numru. 38/2001/1

Vincent u Raymond ahwa Buhagiar

vs

Emanuel Vella

Il-Qorti,

Rat l-avviz ta' l-atturi li bih talbu ghaliex il-konvenut m'ghandux ikun ikkundannat, prevja okkorrendo:

- id-dikjarazzjoni illi l-atturi huma inkwilini ta' porzjon separata mill-art "Ta' Qasam San Gorg" fil-limiti ta' Kercem, Ghawdex, minghand il-Gvern ta' Malta, mentri l-konvenut jinsab inkwilin ta' porzjoni separata ohra mill-istess territorju;

- id-dikjarazzjoni illi qua inkwilin tal-porzjoni detenuta mill-atturi bi qbiela huma ghandhom id-dritt li jaccedu ghar-raba taghhom minn fuq il-porzjon detenuta bi qbiela mill-konvenut sakemm l-atturi jilhqu l-passagg principali tat-territorju kollu;

- id-dikjarazzjoni li l-konvenut qieghed jingombra u jtellef il-passagg illi l-atturi huma intitolati illi jutilizzaw ghal dan l-access;

jigi l-konvenut ikkundannat sabiex jiddesisti definittivament milli b'xi mod jingombra dan il-passagg u sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilu koncess inehhi dak kollu illi lahaq ghamel sabiex jingombra dan il-passagg, bl-awtorizazzjoni, favur l-atturi, illi jekk il-konvenut jonqos illi jnehhi dan l-ingombru fi zmien prefiss huma jkunu jistghu jnehhu l-istess ingombru a spejjez tieghu u taht id-direzzjoni u supervizzjoni ta' perit nominand;

Bl-ispejjez inkuz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 134/98 fl-ismijiet premessi kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni tieghu ghas-subizzjoni. B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju tar-raba de quo ma' jeccedix il-mitt lira (Lm100) fis-sena.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li qal:

- preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni 'ratione valoris' billi d-dritt ta' access li qed jigi pretiz mill-atturi ma fihx valur li huwa kwantifikabbli u ghalhekk dina l-vertenza hija ta' gurisdizzjoni tal-Qorti Superjuri;

- fil-meritu, id-domandi ta' l-atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex l-atturi ma jgawdu ebda jedd ta' access oltre minn dik il-parti attwalment uzata minnhom.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Novembru 2001 fejn awtorizzat l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni 134/98;

Semghet u ezaminat il-provi kollha wkoll dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 134/98;

Rat il-verbal tal-1 ta’ Marzu 2002 li fih il-komjant Avukat Dr.Michael Grech irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti komprizi n-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi.

Ikkunsidrat:

Illi l-aspett gurisdizzjonali ta’ din il-Qorti fil-kapacita’ adita ghadu jippermani nonostante r-rinunzja tal-konvenut ghall-ewwel eccezzjoni tieghu. Permezz taghha l-konvenut kien qajjem in-nuqqas ta’ kompetenza ‘ratione valoris’ izda irrinunzja ghaliha. Malgrad ir-rinunzja hu pero’ obbligu ta’ din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 774 tal-Kap 12, senjatament is-subinciz (b) tieghu, li tassikura li l-meritu jaqa’ fil-gurisdizzjoni inferjuri taghha. Dan l-Artikolu jimponi fuq il-Qorti li tiddikjara ‘ex officio’ l-inkompetenza taghha, inter alia, “meta minhabba x-xorta jew il-valur tal-haga li tkun fil-kwistjoni, il-kawza ma’ tkunx ta’ kompetenza ta’ dik il-Qorti”; u ghalkemm il-fattur tal-valur ma hux izjed ta’ ostakolu nonostante li l-kontendenti baqghu ttrattawh fin-noti rispettivi ta’ l-osservazzjonijiet, hemm il-kwistjoni tal-kompetenza ‘ratione materiae’ li l-Qorti ghandha tara li hu mhares u rispettat. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Kap 12 li jiccirkoskrivu l-gurisdizzjoni taghha. Issa l-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti fil-kapacita’ inferjuri taghha hi li tisma’ u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sa ammont ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5000), wkoll kull talba ghall-zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli jew raba’, fejn il-kera ma tiskorrix Lm5000, kontra persuni li joqghodu jew ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja f’Ghawdex. Hi tassattivament prekluza li tisma’ kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta’ ta’ beni

mmobbli, servitujiet, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma’ l-immobbli.

X’inhi ghalhekk il-veru kawzali f’din il-kawza? Mistoqsija li tirrikjedi li tigi indirizzata l-ewwel u qabel kollox fid-dawl tal-limitazzjonijiet gurisdizjonali ta’ din il-Qorti ta’ gurisdizzjoni inferjuri. Hu pacifiku li huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti ghandha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha – ara *Appell deciz 7 ta’ Ottubru 1997 Refalo noe v Azzopardi* – u hawnhekk, si tratta ta’ avviz fejn l-atturi qua inkwilini ta’ raba’ qeghdin isaqsu biex il-konvenut, wkoll inkwilin ta’ raba’ iehor fl-istess territorju, jirrispetta d-dritt pretiz mill-atturi li jaccedu ghar-raba detenuta minnhom minn fuq ir-raba’ tal-konvenut. Mill-provi johrog skjett li l-vertenza tikkonsisti esklussivament filli l-atturi qeghdin isostnu mod u l-konvenut mod iehor. Fi kliem iehor, u fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-kawza ghalkemm ma tirrigwardax servitu praedjali ma tistax ma tannoverax ruhha fil-jedd ta’uzu ta’ immobbli li tohrog barra l-gurisdizzjoni inferjuri taghha a bazi ta’ l-Artikolu 47(3) tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili moqri unitament mal-Artikolu 310(b) tal-Kodici Civili. U fil-waqt li diversi huma l-gudikati ta’ dawn il-qrati li jikklassifikaw il-vertenza, kostitwenti l-bazi ta’ dan l-avviz, bhala ‘diritti di obbligazione’ jew servitu personali tendenti sabiex jigi rispettat il-‘modus vivendi’ ikkrejat bejn gabillotti detenturi ta’ diversi porzjonijiet ta’ raba’ (fost ohrajn kawza riportata *Volum XLII.iv.1329 - per Imhallef W. Harding*) xejn ma jaltera l-fatt li l-vertenza hawnhekk titratta l-jedd ta’ l-ezercizzju ta’ uzu ta’ immobbli ossija l-kif u minn fejn ghandu jigi ezercitat id-dritt ta’ access vantant mill-atturi.

Ghaldaqstant, qeghdha tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara ruhha inkompetenti “ratione materiae” u tieqf milli tiehu aktar konjizzjoni taghha.

Spejjez ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------